KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PITRUZZELLA
ippreżentati fil-11 ta' Novembru 2021 [1]

Kawża C-79/20 P

Yieh United Steel Co.
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell – Dumping – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1429 – Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 1225/2009 (li sar l-Artikolu 2(2) tar-Regolament 2016/1036) – Determinazzjoni tal-valur normali – Bejgħ tal-prodott simili maħsub għall-konsum fis-suq intern tal-pajjiż esportatur – Esklużjoni mid-determinazzjoni tal-valur normali tal-bejgħ fis-suq intern maħsub għall-esportazzjoni"

1. Fil-qasam tad-dritt antidumping, x'inhi l-portata tar-rekwiżit li skontu, għall-kalkolu tal-valur normali li mbagħad jintuża għad-determinazzjoni tad-dumping, għandu normalment jintuża l-bejgħ tal-prodott simili "maħsub għall-konsum domestiku" fil-pajjiż li jesporta? Dan ir-rekwiżit jippreżupponi li tiġi prodotta l-prova ta' element suġġettiv tal-produttur bejjiegħ tal-prodott inkwistjoni?

2. Din hija essenzjalment il-kwistjoni ġuridika analizzata f'dawn il-konklużjonijiet li jikkonċernaw appell li permezz tiegħu Yieh United Steel Corp. (iktar 'il quddiem: "Yieh United") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Diċembru 2019, (T-607/15, EU:T:2019:831, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") li ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat minn din il-kumpannija kontra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1429 tas-26 ta' Awwissu 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan (iktar 'il quddiem ir-"Regolament kontenzjuż") [2].

[1] Lingwa oriġinali: it-Taljan.

[2] ĠU 2015, L 224. p. 10.

I. Il-kuntest ġuridiku

3. Meta seħħew il-fatti li rriżultaw fit-tilwima, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-adozzjoni ta' miżuri antidumping mill-Unjoni Ewropea kienu jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku")[3].

4. L-Artikolu 1(1) u (2) tar-Regolament bażiku kien jipprevedi:

"1. Dazju kontra dumping jista' jiġi applikat għal kwalunkwe prodott oġġett ta' dumping li l-liberazzjoni tiegħu għal ċirkulazzjoni ħielsa fl-[Unjoni] tikkawża ħsara..

2. Prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala oġġett ta' dumping jekk il-prezz ta' l-esportazzjoni tiegħu għall-[Unjoni] ikun inqas minn prezz paragonabbli għal prodott simili, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, kif stabbilit għall-pajjiż esportatur".

5. Skont it-termini tal-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament bażiku:

"1. Il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti mill-pajjiż esportatur. […]

2. Il-bejgħ tal-prodott simili maħsub għall-konsum domestiku għandu normalment jiġi wżat biex jiġi stabbilit valur normali jekk volum ta' bejgħ bħal dan jikkonstitwixxi 5 % jew aktar mill-volum tal-bejgħ tal-prodott taħt konsiderazzjoni lill-[Unjoni]. Madanakollu, jista' jiġi wżat volum inqas ta' bejgħ meta, per eżempju, il-prezzijiet mitluba jkunu kkunsidrati rappreżentattivi għas-suq konċernat."

II. Il-fatti tal-kawża u r-regolament kontenzjuż

6. Yieh United hija kumpannija stabbilita fit-Tajwan, attiva, b'mod partikolari, fil-produzzjoni u fid-distribuzzjoni ta' prodotti tal-azzar inossidabbli irrumblati ċatti fil-kiesaħ.

7. Wara lment ippreżentat minn Eurofer, Association européenne de l'acier, ASBL (iktar 'il quddiem "Eurofer"), il-Kummissjoni Ewropea fetħet, fis-26 ta' Ġunju 2014, proċediment antidumping li jikkonċerna importazzjonijiet ta' prodotti tal-metall mgħattan mingħajr tisħin f'fuljetti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajwan[4]. L-investigazzjoni dwar id-dumping u l-ħsara riżultanti minnu kopriet il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2013.

8. Fl-24 ta' Marzu 2015, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/501[5] (iktar 'il quddiem ir-"regolament provviżorju"), il-Kummissjoni stabbilixxiet dazju antidumping provviżorju ta' 10.9 % fuq il-prodott ikkonċernat, għal dak li kien jikkonċerna lil Yieh United.

[3] ĠU 2009, L 343, p. 51, rettifiki fil-ĠU 2010, L 7, p. 22, fil-ĠU 2011, L 293, p. 39 u fil-ĠU 2016, L 44, p. 20. Dan ir-regolament tħassar bir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21).

[4] Ara n-notifika ta' bidu tal-proċeduri ppubblikata fil-ĠU 2014, C 196, p. 9.

[5] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/501 tal-24 ta' Marzu 2015 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-metall mgħattan mingħajr tisħin f'fuljetti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mit-Tajwan (ĠU 2015, L 79, p. 23).

9. Fis-26 ta' Awwissu 2015, il-Kummissjoni adottat ir-regolament kontenzjuż.

10. Għal dak li jikkonċerna speċifikament il-metodu tal-kalkolu tal-valur normali għall-importazzjonijiet tal-prodott inkwistjoni li joriġinaw mit-Tajwan, jirriżulta mir-regolament kontenzjuż li l-metodu inizjalment użat fir-regolament provviżorju ma ħax inkunsiderazzjoni l-bejgħ fis-suq intern lid-distributuri u l-kummerċjanti [6].

11. Wara l-argumenti mressqa minn ċerti produtturi esportaturi kkonċernati bl-investigazzjoni antidumping, il-Kummissjoni, minkejja li kkunsidrat li n-nuqqas ta' għarfien dwar id-destinazzjoni finali ta' bejgħ ma kienx element deċiżiv, madankollu analizzat għal darba oħra s-sitwazzjoni abbażi tal-evidenza disponibbli fl-investigazzjoni [7]. Wara li analizzat l-osservazzjonijiet u l-informazzjoni ulterjuri rċevuti wara l-iżvelar tal-konklużjonijiet provviżorji [8], il-Kummissjoni rrevediet il-bejgħ li għandu jiġi eskluż mid-determinazzjoni tal-valur normali sabiex tiġi riflessa b'mod preċiż kemm jista' jkun is-sitwazzjoni individwali tal-produtturi esportaturi investigati. Wara din l-analiżi, xi wħud mill-atti ta' bejgħ li kienu ġew eskluży fi stadju provviżorju għall-iskopijiet tal-kalkolu tal-valur normali intużaw fil-kalkolu tal-valur normali [9].

12. Mill-premessa 59 tar-regolament kontenzjuż jirriżulta li "[m]inflok ma jiġi mwarrab kollu kemm hu l-bejgħ lid-distributuri abbażi tal-presuppożizzjoni li l-bejgħ kollu lid-distributuri jispiċċa esportat, il-Kummissjoni eskludiet biss dak il-bejgħ lid-distributur li għalih kien hemm biżżejjed evidenza oġġettiva li fil-fatt kien esportat. Il-Kummissjoni eżaminat il-bejgħ irrappurtat inkwistjoni u kklassifikatu bħala domestiku jew għall-esportazzjoni abbażi tas-sitwazzjoni speċifika u tad-dejta ta' kull wieħed mill-prodotturi esportaturi kkonċernati. L-eżistenza ta' skontijiet orjentati lejn l-esportazzjoni pereżempju intużat bħala evidenza relevanti. Għall-kuntrarju, elementi suġġettivi bħall-intenzjoni jew l-għarfien, jew in-nuqqas tagħhom, ma kellhom l-ebda rwol fl-evalwazzjoni oġġettiva li saret mill-Kummissjoni."

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

13. Fis-27 ta' Ottubru 2015, Yieh United ippreżentat rikors għal annullament tar-regolament kontenzjuż quddiem il-Qorti Ġenerali.

14. Insostenn tar-rikors tagħha, Yieh United iddeduċiet żewġ motivi, relatati, rispettivament, mal-ksur tal-Artikolu 2(3) u (5) tar-Regolament bażiku u l-ksur tal-Artikolu 2(1) u (2) tal-istess regolament [10].

15. B'mod partikolari, fil-kuntest tat-tieni motiv tagħha, Yieh United sostniet, essenzjalment, li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament bażiku billi kkunsidrat, mingħajr ġustifikazzjoni adegwata, li ċertu bejgħ tal-prodott ikkonċernat lil xerrej indipendenti, imwettaq matul tranżazzjonijiet kummerċjali normali, fil-pajjiż esportatur kellhom jiġu eskluży għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali għar-raġuni biss li l-prodotti inkwistjoni kienu ġew esportati sussegwentement. Fid-dawl, b'mod partikolari, tal-formulazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, li skontu l-bejgħ tal-prodott inkwistjoni "maħsub għall-konsum domestiku" huwa normalment użat għad-determinazzjoni tal-valur normali, il-Kummissjoni

6 Ara l-premessa 50 tar-regolament kontenzjuż b'riferiment espliċitu għall-premessi 63 sa 66 tar-regolament provviżorju,

7 Ara l-premessa 56 tar-Regolament kontenzjuż.

8 Ara l-premessa 57 tar-Regolament kontenzjuż.

9 Ara l-premessa 56 tar-Regolament kontenzjuż.

10 Li saru, rispettivament l-Artikolu 2(3) u (5) tar-Regolament 2016/1036) u l-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament 2016/1036.

setgħet validament teskludi dan il-bejgħ mill-kalkolu tal-valur normali biss wara li tkun uriet li l-bejjiegħ kien konxju, fil-punt tal-bejgħ, tal-esportazzjoni tal-prodotti inkwistjoni jew kien ippreveda li x-xerrej kien sejjer jesportah.

16. Fis-sentenza appellata, wara li ċaħdet, l-ewwel motiv [11], fil-punti 114 sa 145, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll it-tieni motiv.

17. Il-Qorti Ġenerali, qabel xejn, indikat li, minn perspettiva letterali, diversi verżjonijiet lingwistiċi tad-dispożizzjoni fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku jagħmlu riferiment għad-"destinazzjoni" tal-prodott inkwistjoni mingħajr ma jagħmlu riferiment għall-intenzjoni tal-produttur fir-rigward tal-imsemmija destinazzjoni fil-mument tal-bejgħ [12]. F'dan ir-rigward, fis-sentenza appellata [13], il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, kuntrarjament għal dak sostnut minn Yieh United, ma tista' tittieħed ebda konklużjoni definittiva, la minn kawża deċiża mill-grupp speċjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) [14], u lanqas minn regolament preċedenti tal-Kummissjoni tal-1997 li stabbilixxa dazju provviżorju fuq ċerti prodotti [15].

18. Il-Qorti Ġenerali mbagħad ikkunsidrat li l-interpretazzjoni tat-termini "maħsub għall-konsum domestiku" li skonthom ma huwiex neċessarju li tiġi stabbilita intenzjoni jew għarfien speċifiku tal-bejjiegħ fir-rigward tad-destinazzjoni finali tal-prodott ikkonċernat hija kkonfermata minn analiżi tal-kuntest tad-dispożizzjoni inkwistjoni. Fil-fatt, la l-kunċett ta' "dumping", la dak ta' "dannu", u lanqas dak ta' "evażjoni", fis-sens tar-Regolament bażiku, ma jippreżupponu, bħala kundizzjoni ta' applikazzjoni, il-konstatazzjoni ta' intenzjoni partikolari min-naħa tal-persuna kkonċernata, iżda jeħtieġu li jkunu ssodisfatti kundizzjonijiet oġġettivi indipendentement minn intenzjoni jew minn għarfien speċifiku tagħha [16].

19. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat ukoll li din l-interpretazzjoni hija konformi mal-għan tal-investigazzjoni antidumping li jikkonsisti, għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, f'li jfittxu provi oġġettivi, billi jużaw l-għodod li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom mir-Regolament bażiku u abbażi ta' kooperazzjoni volontarja tal-operaturi ekonomiċi. Skont il-Qorti Ġenerali, din l-interpretazzjoni hija kompatibbli wkoll mal-prinċipji ta' prevedibbiltà u ċertezza legali [17].

20. F'dak li jikkonċerna din il-kawża, il-Qorti Ġenerali, qabel xejn, indikat li fir-regolament kontenzjuż il-Kummissjoni ssostitwixxiet l-approċċ inizjali adottat fir-regolament provviżorju b'approċċ ibbażat fuq l-eżistenza ta' provi oġġettivi tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat mid-distributur ikkonċernat [18]. B'mod konkret il-Qorti Ġenerali mbagħad osservat, fl-ewwel lok, li ċertu numru ta' bejgħ iddikjarat minn Yieh United bħala intern kien is-suġġett ta' tnaqqis fil-prezzijiet għall-esportazzjoni abbażi ta' sistema maħsuba sabiex tinċentiva lid-distributuri li kienu esportaw il-prodotti tal-azzar tagħhom; fit-tieni lok, li ġiet prodotta l-prova li Yieh United kienet effettivament tapplika dan it-tnaqqis għall-esportazzjoni b'mod partikolari, għal parti

[11] Ara l-punti 29 sa 113 tas-sentenza appellata.

[12] Ara l-punti 128 u 129 tas-sentenza appellata.

[13] Ara l-punti 130 u 131.

[14] Rapport, tas-16 ta' Novembru 2007, fit-tilwima "Komunitajiet Ewropej – Miżuri antidumping li jikkonċernaw is-salamun imkabbar li joriġina min-Norveġja" (WT/DS 337/R), b'mod partikolari n-nota ta' qiegħ il-paġna 339.

[15] Regolament (KE) Nru 1023/97 tal-Kummissjoni, tas-6 ta' Ġunju 1997, li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' pjanċi sempliċi tal-injam li joriġinaw mill-Polonja u li jaċċetta l-impenji offruti minn ċerti esportaturi għal dak li jikkonċerna dawn l-importazzjonijiet (ĠU 1997, L 150, p. 4).

[16] Ara l-punt 132 tas-sentenza appellata.

[17] Ara l-punti minn 133 sa 135 tas-sentenza appellata.

[18] Ara l-punti 137 u 138 tas-sentenza appellata.

sostanzjali tal-bejgħ lix-xerrej indipendenti tagħha li fir-rigward tiegħu hija kkontestat l-inklużjoni fil-kalkolu tal-valur normali; u fit-tielet lok, setgħu jinġabru provi oġġettivi oħra li dan ix-xerrej effettivament esporta l-parti l-kbira tal-prodotti ta' bejgħ iddikjarati bħala bejgħ intern [19].

21. Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni setgħet legalment u mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni teskludi l-bejgħ inkwistjoni mid-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament bażiku [20].

IV. It-talbiet tal-partijiet

22. Permezz tal-appell tagħha, Yieh United titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata, tilqa' r-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza u, għalhekk, tannulla r-regolament kontenzjuż fil-parti li tikkonċernaha, u tikkundanna lill-Kummissjoni u lil Eurofer għall-ispejjeż sostnuti għall-proċedura tal-ewwel istanza u l-appell.

23. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lil Yieh United għall-ispejjeż.

24. Eurofer titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell, u sussidjarjament, tiċħad ir-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza, u iktar sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u tikkundanna lil Yieh United għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedura fl-ewwel istanza.

V. Analiżi tal-appell

A. Fuq l-appell ippreżentat minn Yieh United

25. Insostenn tal-appell tagħha, Yieh United issostni tliet aggravji. Permezz tal-ewwel u t-tieni aggravju, hija ssostni li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kisret, rispettivament, l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Permezz tat-tielet aggravju, Yieh United issostni, minflok, li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku.

26. Konformement mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, sejjer niffoka l-analiżi tiegħi fuq it-tielet aggravju.

B. Fuq it-tielet aggravju

1. L-argumenti tal-partijiet

27. Fit-tielet aggravju, intiż sabiex jikkontesta l-punti 129 sa 135 tas-sentenza appellata, Yieh United issostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li din id-dispożizzjoni, u b'mod partikolari t-termini "maħsub għall-konsum domestiku", ma obbligawx lill-Kummissjoni turi intenzjoni jew għarfien speċifiku

[19] Ara l-punti 138 sa 142 tas-sentenza appellata.

[20] Ara l-punt 144 tas-sentenza appellata.

tal-produttur bejjiegħ fir-rigward tad-destinazzjoni finali tal-prodotti inkwistjoni. Skont l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali din id-dispożizzjoni legalment tippermetti lill-Kummissjoni teskludi mill-kalkolu tal-valur normali l-bejgħ intern lil xerrej indipendenti minħabba s-sempliċi fatt li l-prodotti kkonċernati ġew sussegwentement esportati, u dan mingħajr il-ħtieġa li jiġi eżaminat jekk il-produttur bejjiegħ kellux l-intenzjoni jew kienx jaf li dawn il-prodotti mibjugħa lix-xerrej intern kienu sejrin jiġu finalment esportati.

28. Il-fehma tal-Qorti Ġenerali, li kkonfermat dik tal-Kummissjoni, għandha però bħala konsegwenza l-fatt li produttur għandu dejjem u b'mod irrimedjabbli jwieġeb għall-politika kummerċjali tax-xerrejja indipendenti tiegħu, minkejja li huwa ma jkollu ebda kontroll fuqhom u jinjora d-destinazzjoni finali vera tal-prodott. Tali interpretazzjoni tippermetti lill-Kummissjoni timponi dazji antidumping fuq produttur indipendentement mill-politika ta' prezz tiegħu, xi ħaġa li tmur kontra l-għan komplessiv tar-regolament antidumping.

29. Yieh United tikkontesta t-tliet motivi li fuqhom ibbażat ruħha l-Qorti Ġenerali, fis-sentenza appellata, sabiex tikkonferma l-interpretazzjoni adottata mill-Kummissjoni tal-Artikolu 2(2) tar-regolament bażiku.

30. Fl-ewwel lok, Yieh United issostni li l-analiżi tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi tar-regolament bażiku, imwettqa fil-punti 129 u 130 tas-sentenza appellata, tista' validament twassal għall-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li skontha jeħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni l-prova tad-destinazzjoni finali tal-prodott u mhux l-għarfien jew l-intenzjoni tal-produttur, fil-punt tal-bejgħ, dwar din id-destinazzjoni finali. Fil-fatt, xejn fl-espressjoni "maħsub għall-" ma jostakola evalwazzjoni tal-perċezzjoni tal-produttur bejjiegħ rigward id-destinazzjoni tal-prodott inkwistjoni fil-punt tal-bejgħ. Barra minn hekk, il-verżjonijiet lingwistiċi msemmija mill-Qorti Ġenerali fil-punt 129 tas-sentenza appellata jinkludu l-espressjoni "destinazzjoni finali", iżda jippreżupponu pjuttost evalwazzjoni ġusta, mill-produttur bejjiegħ, fir-rigward tad-destinazzjoni tal-prodotti li tirriżulta mill-bejgħ tiegħu.

31. Fit-tieni lok, Yieh United tikkontesta l-interpretazzjoni kuntestwali u teleoloġika tar-regolament bażiku mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 132 u 135 tas-sentenza appellata. Fil-fehma tagħha, minn naħa, il-fatt li d-dumping, il-ħsara u l-evażjoni jistgħu jiġu kkonstatati indipendentement mill-intenzjoni tal-produttur jew tal-esportatur ma jiġġustifikax l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ intern magħmul minn Yieh United. Fil-kuntest tal-antidumping, għandu jkun hemm element suġġettiv peress li l-kwistjoni hija s-sanzjoni ta' aġir "żleali" tal-produtturi/esportaturi kkonċernati. Min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni sussidjarja tal-Artikolu 2(2) tar-regolament bażiku, proposta minn Yieh United, ma tostakolax lill-Kummissjoni fil-konstatazzjoni ta' provi oġġettivi tal-kundizzjonijiet li jippermettu li tistabbilixxi dazju antidumping. Barra minn hekk, strumenti oħra ta' difiża kummerċjali previsti, b'mod partikolari, f'dispożizzjonijiet oħra tar-regolament bażiku, fil-ftehim tal-WTO jew fir-regoli kontra s-sussidji, jimponu lill-awtorità inkarigata bl-investigazzjoni sabiex tivverifika l-għarfien suġġettiv u l-intenzjoni tal-produtturi/esportaturi. Għalhekk, ma huwiex sostenibbli, kif sostnut mill-Qorti Ġenerali, li prova bħal din tkun jew "aċċidentali" jew impossibbli li titressaq.

32. Fit-tielet lok, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali fil-punt 134 tas-sentenza appellata huwa ċirkolari. Fil-fatt, jekk produttur esportatur jiġġestixxi b'mod adegwat il-prezzijiet tiegħu u japplika prezzijiet simili għall-bejgħ domestiku tiegħu u għal dak intiż għall-esportazzjoni, allura ma hemm ebda dumping.

33. Il-Kummissjoni u Eurofer jikkontestaw l-argumenti ta' Yieh United u jsostnu li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

2. Evalwazzjoni

a) Osservazzjonijiet preliminari

34. Fit-tielet aggravju tagħha Yieh United issostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 2(2) tar-regolament bażiku. Din il-kumpannija tikkontesta, b'mod partikolari, l-interpretazzjoni tat-termini "maħsub għall-konsum domestiku" applikata mill-Qorti Ġenerali fil-punti 129 sa 135 tas-sentenza appellata.

35. F'dan ir-rigward jeħtieġ, qabel xejn, li jitfakkar li fil-kuntest tal-Artikolu 2 tar-regolament bażiku, li jipprevedi d-dispożizzjonijiet relatati mad-determinazzjoni tad-dumping, il-paragrafi (1) sa (7) jipprevedi d-dispożizzjonijiet li jippermettu l-identifikazzjoni tal-valur normali li mbagħad ikun suġġett għat-tqabbil ġust mal-prezz għall-esportazzjoni sabiex jiġi ddeterminat id-dumping [21].

36. Skont l-Artikolu 2(1) tar-regolament bażiku l-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti mill-pajjiż esportatur. Skont l-Artikolu 2(2) "l-bejgħ tal-prodott simili maħsub għall-konsum domestiku għandu normalment jiġi wżat biex jiġi stabbilit valur normali […]".

37. Jista' jiġi konkluż, għall-kuntrarju, minn din id-dispożizzjoni li sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali, pjuttost, normalment, ma jittiħidx inkunsiderazzjoni l-bejgħ tal-prodott simili mill-produtturi tal-pajjiż esportatur li jseħħ fis-suq intern, meta l-prodotti suġġetti għal dan il-bejgħ ma humiex maħsuba għall-konsum f'dan is-suq, iżda għandhom destinazzjoni oħra, bħall-esportazzjoni.

38. Fl-appell tagħha Yieh United issostni, essenzjalment, li t-termini "maħsub għall-konsum domestiku" previsti mill-Artikolu 2(2) tar-regolament bażiku jippreżupponu element suġġettiv, jiġifieri l-intenzjoni jew l-għarfien tal-produttur bejjiegħ dwar id-destinazzjoni finali tal-prodott inkwistjoni. Skont l-approċċ sostnut minn Yieh United, sabiex ikun jista' jiġi eskluż mid-determinazzjoni tal-valur normali l-bejgħ tal-prodott simili magħmul fis-suq intern, il-Kummissjoni għandha tipprova l-intenzjoni jew almenu l-għarfien speċifiku tal-produttur bejjiegħ, fil-punt fejn dan il-bejgħ ikun ġie konkluż, miċ-ċirkustanza li dawn il-prodotti sussegwentement jiġu esportati.

39. Sabiex jiġi mwieġeb it-tielet aggravju ppreżentat minn Yieh United jeħtieġ għalhekk li tiġi vverifikata l-interpretazzjoni tat-termini "maħsub għall-konsum domestiku" skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku adottata mill-Qorti Ġenerali fid-dawl tal-argumenti mressqa minn din il-kumpannija.

[21] Ara l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

b) Fuq l-Artikolu 2.1 tal-ftehim antidumping

40. B'mod preliminari, madankollu, għandu jiġi osservat – kif mill-bqija ġie indikat mill-Qorti Ġenerali stess [22] – li l-espressjoni "maħsub għall-konsum domestiku" skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku jikkorrispondu għall-espressjonijiet użati fl-Artikolu 2.1 tal-ftehim antidumping [23] tal-WTO, fit-tliet lingwi uffiċjali tiegħu, jiġifieri "destined for consumption" bl-Ingliż, "destiné à la consommation" bil-Franċiż u "destinado al consumo" bl-Ispanjol.

41. F'dan il-kuntest, mill-ġurisprudenza jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku għandhom jiġu interpretati, sa fejn possibbli, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ftehim antidumping [24], bit-teħid inkunsiderazzjoni wkoll tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet differenti ta' dan il-ftehim magħmula mill-Korp ta' Riżoluzzjoni tal-WTO [25].

42. F'dan ir-rigward, barra minn hekk, l-unika kawża fejn l-istanzi tal-WTO taw indikazzjonijiet dwar il-portata tal-kunċett "destined for consumption" skont l-Artikolu 2.1 tal-ftehim antidumping jidher li hija l-kawża msemmija fil-punt 131 tas-sentenza appellata u fil-punt 17 [26] iktar 'il fuq, fejn il-grupp speċjali tal-WTO, f'nota ta' qiegħ il-paġna, osserva li "meta produttur [kien] ibigħ prodott lil esportatur (jew lil negozjant) li jaħdem għal rasu bl-għarfien li dan il-prodott [ikun] ser jiġi esportat, dan il-bejgħ ma [setax] jiġi kklassifikat bħala bejgħ intiż għall-konsum intern" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

43. Jista' jiġi konkluż, fil-fehma tiegħi, minn din l-osservazzjoni li l-għarfien tal-produttur bejjiegħ tad-destinazzjoni għall-esportazzjoni tal-prodotti li huma suġġett tal-bejgħ ma huwiex nieqes mir-rilevanza għad-determinazzjoni jekk dawn il-prodotti jistgħux jiġu kkunsidrati bħala "destined for consumption" fis-sens tal-Artikolu 2.1 tal-ftehim antidumping u jekk, għalhekk, il-bejgħ relattiv jistax jittieħed inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-valur normali. Fil-fatt, minn din l-osservazzjoni jirriżulta li l-għarfien effettiv mill-produttur bejjiegħ ta' din id-destinazzjoni jeskludi l-kwalifika ta' "destined for consumption" għall-prodotti inkwistjoni u jeskludi għalhekk il-bejgħ relattiv mill-kalkolu tal-valur normali.

44. Madankollu, xorta naqbel mal-analiżi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punt 131 imsemmi tas-sentenza appellata, li tgħid li minn din l-osservazzjoni unika ma jistax jiġi dedott, fis-sens kuntrarju, li l-l-assenza ta' prova tal-għarfien effettiv mill-produttur bejjiegħ tad-destinazzjoni għall-esportazzjoni tal-prodotti inkwistjoni għandha neċessarjament twassal sabiex jiġi kkunsidrat li dawn il-prodotti huma maħsuba għall-konsum intern. Fi kliem ieħor, il-fatt li l-għarfien tal-produttur bejjiegħ tad-destinazzjoni għall-esportazzjoni tal-prodotti jista' jiġġustifika l-esklużjoni tal-bejgħ relattiv mill-kalkolu tal-valur normali ma jimplikax neċessarjament li, jekk l-awtorità inkarigata bl-investigazzjoni ma tipproduċix il-prova ta' dan l-għarfien effettiv, allura dan il-bejgħ għandu inevitabbilment jiġi inkluż f'dan il-kalkolu.

45. Fil-fatt, l-għarfien effettiv mill-produttur bejjiegħ fil-punt tal-bejgħ tal-fatt li l-prodotti li huma suġġett ta' dan il-bejgħ sejrin sussegwentement jiġu esportati jippermetti l-preżunzjoni li l-prezz u l-kundizzjonijiet tal-bejgħ (maħsub għall-esportazzjoni) ma humiex dawk proprja

[22] Ara l-punt 130 tas-sentenza appellata u l-ġurisprudenza hemm iċċitata.

[23] Ftehim dwar l-implimentazzjoni ta' l-artikolu vi tal-Ftehim ġenerali dwar it-tariffi u l-kummerċ 1994 (ĠU 1994, L 336, p. 103).

[24] Sentenza tad-9 ta' Jannar 2003, Petrotub u Republica (C-76/00 P, EU:C:2003:4, punt 57).

[25] Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Edukazzjoni ogħlja) (C-66/18, EU:C:2020:792, punt 92), kif ukoll, b'riferiment għall-Artikolu 3(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2016/1036 l-konklużjonijiet reċenti tiegħi fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube (C-891/19 P, EU:C:2021:533, punt 24).

[26] Jiġifieri n-nota ta' qiegħ il-paġna nru 339 tal-kawża ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna nru 14.

tas-suq intern, li jiġġustifika l-esklużjoni ta' dan il-bejgħ mill-kalkolu tal-valur normali, li għandu jirrifletti bil-mod l-iktar preċiż possibbli l-prezz tal-bejgħ fil-pajjiż esportatur. Madankollu, l-oppost ma huwiex neċessarjament minnu. Kif sejjer jintwera aħjar iktar 'il quddiem, huwa fil-fatt possibbli ħafna li l-esklużjoni tal-bejgħ mill-kalkolu tal-valur normali tista' tiġġustifika ruħha fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi relattivi għal dan il-bejgħ indipendenti mill-prova tar-rieda jew tal-għarfien effettiv tal-produttur bejjiegħ tal-fatt li l-prodotti sejrin jiġu sussegwentement esportati.

46. Huwa għalhekk f'dan il-kuntest li jeħtieġ li neżamina mill-ġdid l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, u b'mod partikolari l-espressjoni "maħsub għall-konsum domestiku" inklużi fiha, magħmula mill-Qorti Ġenerali.

c) Fuq l-interpretazzjoni tal-espressjoni "maħsub għall-konsum domestiku" li tinsab l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku

47. F'dan ir-rigward, kif indikat mill-Qorti Ġenerali, f'dak li jikkonċerna l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li huwa meħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss it-termini li huma redatti bihom, iżda wkoll l-kuntest tagħhom u l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni li huma jifformaw partijiet minnhom [27].

48. F'dan ir-rigward, f'dak li jikkonċerna, fl-ewwel lok, l-interpretazzjoni letterali tad-dispożizzjoni inkwistjoni, nindika, kif mill-bqija osservat ukoll il-Qorti Ġenerali [28], li l-verżjoni Ingliża tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku tuża – b'mod li barra minn hekk ma jaqbilx mat-test Ingliż tal-Artikolu 2.1 tal-fethim antidumping – it-terminu "intended for domestic consumption", li jista' jiġi interpretat fis-sens li l-intenzjoni tal-bejjiegħ dwar id-destinazzjoni tal-prodott suġġett tal-bejgħ għandha tkun il-kriterju rilevanti. Madankollu, kemm il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tad-dispożizzjoni inkwistjoni ċċitati mill-Qorti Ġenerali, kif ukoll l-imsemmi test tat-tliet verżjonijiet uffiċjali tal-Artikolu 2.1 tal-ftehim antidumping ma jagħmlux riferiment espliċitu għal din l-intenzjoni, iżda pjuttost jagħmlu riferiment għad-"destinazzjoni".

49. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, id-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata tat-termini li għalihom, bħal f'din il-kawża, id-dritt tal-Unjoni ma jipprovdi ebda definizzjoni, għandha tiġi stabbilita skont is-sens normali tagħhom fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintużaw u l-għanijiet li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tfittex li tilħaq [29].

50. It-terminu Taljan "destinare" joriġina mit-terminu Latin "destinare" u jfisser, proprjament, "li jiġi stabbilit b'mod sod, irrevokabbli, bħala att ta' rieda superjuri" [traduzzjoni libera] [30]. Dan ir-riferiment għar-rieda superjuri u inevitabbli huwa rifless b'mod ċar fit-terminu Taljan "destino" li jikkorrispondi għat-termini, bl-Ingliż, "destiny", bil-Franċiż, "destin", bl-Ispanjol u

[27] Ara, *inter alia*, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Vethanayagam *et* (C-680/17, EU:C:2019:627, punt 42), kif ukoll il-punt 127 tas-sentenza appellata u l-ġurisprudenza hemm iċċitata.

[28] Ara b'mod partikolari l-punti 128 sa 130 tas-sentenza appellata kkontestati minn Yieh United.

[29] Ara, *inter alia*, is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, Envirotec Denmark (C-550/14, EU:C:2016:354, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[30] Ara Treccani.it.

bil-Portugiż “destin”. F’sens iktar figurattiv, it-terminu “destinare” jassumi fil-lingwaġġ attwali s-sinjifikat, nieqes mir-riferiment għar-rieda superjuri, ta’ “assenjat” [traduzzjoni libera], “irriżervat” [traduzzjoni libera] jew “intiż” [traduzzjoni libera] għal għan iddeterminat [31].

51. Mifhuma f’dan is-sens it-termini “maħsub għall-konsum domestiku” ifissru li, sabiex il-bejgħ fil-pajjiż esportatur ikun jista’ jiġi inkluż fil-kalkolu tal-valur normali, il-prodotti li huma s-suġġetti ta’ dan il-bejgħ għandhom jiġu “assenjati”, “irriżervati”, “intiżi” għall-konsum intern.

52. Jista’ jiġi konkluż li, b’mod koerenti ma’ dak indikat fil-punti 42 u 43 iktar ’il fuq, ir-rieda u l-għarfien tal-esportatur dwar id-destinazzjoni effettiva tal-prodott finali ma humiex elementi irrilevanti fl-analiżi intiża li tiddetermina jekk il-prodott simili li huwa s-suġġett ta’ ċertu bejgħ huwiex “maħsub għall-konsum domestiku”. Fil-fatt, id-destinazzjoni finali tal-prodott li huwa suġġett tal-bejgħ, li jista’ jkollha influwenza fuq il-prezz u fuq il-kundizzjonijiet tal-bejgħ, tista’ tiġi ddeterminata mill-produttur bejjiegħ jew inkella tkun magħrufa minnu u għalhekk tikkundizzjona tali prezz jew tali kundizzjonijiet.

53. Kuntrarjament għal dak li ssostni Yieh United fl-appell tagħha, madankollu, il-prova tar-rieda jew tal-għarfien effettiv tal-produttur bejjiegħ fir-rigward tad-destinazzjoni konkreta tal-prodotti li huma s-suġġett tal-bejgħ ma hijiex element neċessarju sabiex jiġi eskluż il-bejgħ mill-kalkolu tal-valur normali. Fil-fatt, huwa possibbli ħafna li, indipendentement mill-prova ta’ din ir-rieda jew għarfien effettiv, il-konklużjoni dwar il-fatt li dawn il-prodotti huma maħsuba, jiġifieri “assenjati” jew “iffinalizzati”, għall-esportazzjoni tista’ tiġi konkluża oġġettivament fuq il-bażi ta’ ċerti elementi relatati mal-bejgħ jew max-xerrej li jakkwista dawn il-prodotti. F’din il-perspettiva, pereżempju, il-prova li l-bejgħ sar bi prezz jew skont termini u kundizzjonijiet partikolari intiżi li jiffavorixxu l-esportazzjonijiet jew il-prova li l-bejgħ sar lil klijent li huwa prinċipalment attiv fl-esportazzjoni tal-prodotti li huma s-suġġett tal-bejgħ jistgħu jkunu, fil-fehma tiegħi, biżżejjed sabiex jiġi kkunsidrat li dan il-bejgħ huwa relatat ma’ prodotti “maħsuba” għall-esportazzjoni u li dawn għalhekk għandhom ikunu esklużi mill-kalkolu tal-valur normali [32]. Il-prova ta’ dawn iċ-ċirkustanzi hija biżżejjed indipendentement mill-prova tar-rieda jew tal-għarfien tal-produttur bejjiegħ dwar id-destinazzjoni tal-prodotti.

54. Fuq il-bażi tal-prova ta’ elementi bħal dawn, il-Kummissjoni tista’ għalhekk tippreżumi li l-bejgħ kellu bħala suġġett il-prodotti li għandhom destinazzjoni differenti mill-konsum fis-suq intern u tista’, għalhekk, teskludihom mill-kalkolu tal-valur normali, mingħajr ma jkun neċessarju li hija tipproduċi l-prova tal-għarfien effettiv tad-destinazzjoni ta’ dawn il-prodotti mill-produttur bejjiegħ. Huwa, madankollu, neċessarju li tiġi prodotta l-prova l-eżistenza ta’ element ta’ rabta oġġettiv bejn il-bejgħ u d-destinazzjoni tal-prodotti mhux għall-konsum fis-suq intern li tista’ tiġġustifika l-esklużjoni ta’ dan il-bejgħ mill-kalkolu tal-valur normali.

55. L-interpretazzjoni ta’ hawn fuq tal-espressjoni “maħsub għall-konsum domestiku” skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku li tgħid li, minkejja li l-intenzjoni jew it-tagħrif speċifiku tal-produttur bejjiegħ għad-destinazzjoni tal-prodotti li huma s-suġġett tal-bejgħ ma humiex irrilevanti, ma huwiex madankollu neċessarju, fejn tiġi ppruvata l-eżistenza ta’ element wieħed jew iktar ta’ rabta oġġettiva bejn il-bejgħ u l-esportazzjoni sussegwenti, li l-Kummissjoni

[31] *Ibidem*. B’mod simili, bil-Franċiż il-verb “destiner” huwa ddefinit bħala “fixer la destination de quelque chose, le réserver à cet usage, à cet emploi; affecter” (Larousse.fr) u bl-Ingliż il-verb “to destine” huwa ddefinit bħala “[with object] intend or choose for a particular purpose or end” (Oxford Dictionary of English, it-tielet edizzjoni. (riveduta), Oxford University Press, 2015).

[32] Kif diskuss f’iktar dettall fil-punt 38 u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 61 iktar ’il fuq, huwa adottat approċċ analogu, anki jekk mhux identiku, fil-ġurisprudenza Amerikana dwar id-dispożizzjoni interna tad-dritt antidumping relatata mad-determinazzjoni tal-valur normali. Ara b’mod partikolari United States Court of International Trade tat-3 ta’ Frar 1997, INA Walzlager Schaeffler KG vs L-Istati Uniti (957 F. Supp. 251 (Ct. Int’l Trade 1997) p. 265)

tipproduċi l-prova tal-eżistenza ta' element suġġettiv tal-produttur bejjiegħ sabiex jiġi eskluż il-bejgħ mill-kalkolu tal-valur normali hija, fil-fehma tiegħi, ikkonfermata mill-analiżi kontestwali u mill-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni.

56. Minn perspettiva kuntestwali, kif indikat fil-punt 35 preċedenti, din id-dispożizzjoni tidħol fil-kuntest tal-Artikolu 2(1) sa (7) tar-Regolament bażiku li jipprevedi li d-dispożizzjonijiet li jipprevedu l-identifikazzjoni tal-valur normali li għandu jkun is-suġġett tat-tqabbil ġust mal-prezz għall-esportazzjoni sabiex jiġi ddeterminat id-dumping. Minn beda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma jirriżulta li għall-kalkolu tal-valur normali bl-għan tad-determinazzjoni tad-dumping hija neċessarja l-prova tal-element suġġettiv invokata minn Yieh United. Barra minn hekk, kif indikat mill-Qorti Ġenerali fil-punt 132 tas-sentenza appellata, mingħajr ma dan ġie kkontestat minn Yieh United fl-appell tagħha, lanqas it-test tal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, rigward id-determinazzjoni tal-prezz għall-esportazzjoni ma jinkludi xi riferiment għall-kriterju tal-"għarfien" mill-parti kkonċernata.

57. Minn perspettiva teleoloġika, jeħtieġ li jiġi indikat li r-riferiment għad-destinazzjoni tal-prodotti simili għall-konsum fis-suq domestiku inkluż fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku huwa inerenti għad-determinazzjoni tal-valur normali u għandu l-għan li jiżgura li l-valur normali jikkorrispondi kemm jista' jkun mal-prezz normali tal-prodott simili fis-suq intern tal-esportatur [33]. Din il-korrispondenza hija neċessarja sabiex jiġi żgurat it-tqabbil ġust mal-prezz għall-esportazzjoni inkwistjoni bl-għan tad-determinazzjoni tad-dumping. Minn dan jirriżulta li l-bejgħ li jirrigwarda l-prodotti mhux intiżi għall-konsum fis-suq intern ma jikkostitwixxux bażi adegwata għall-kalkolu tal-valur normali u għandu, għalhekk, jiġi eskluż mill-kalkolu ta' dan il-valur [34].

58. Minn tali għanijiet tad-dispożizzjoni inkwistjoni tista' tiġi konkluża l-ħtieġa tal-prova tal-eżistenza ta' rabta bejn il-bejgħ intern u destinazzjoni differenti mill-konsum intern sabiex ikun jista' jiġi eskluż dan il-bejgħ mill-kalkolu tal-valur normali. Madankollu, minn tali għanijiet ma tiġi dedotta bl-ebda mod il-ħtieġa li l-Kummissjoni neċessarjament tipproduċi l-prova eżistenti ta' element suġġettiv tal-produttur bejjiegħ sabiex tkun tista' tagħmel tali esklużjoni.

59. Mill-bqija, Yieh United ma tibbaża d-dikjarazzjoni tagħha ta' natura ġenerali li tgħid li "għandu jkun hemm element suġġettiv fil-kuntest tal-antidumping" fuq ebda element ġuridiku preċiż. Bil-maqlub, bħalma ssostni l-Kummissjoni u bħalma jirriżulta mill-ġurisprudenza, l-għan tal-istabbiliment ta' dazju antidumping, li għalih hija inerenti d-determinazzjoni tal-valur normali, ma huwiex ta' sanzjoni, iżda huwa intiż li jistabbilixxi mill-ġdid kundizzjonijiet ġusti fis-suq tal-Unjoni [35]. Isegwi li, f'dan l-ambjent tad-dritt, ma hemmx, bħala prinċipju, ħtieġa li jiġi ddeterminat element suġġettiv.

60. Barra minn hekk, bħalma essenzjalment indikat il-Qorti Ġenerali fil-punti 133 u 134 tas-sentenza appellata, is-subordinazzjoni tal-esklużjoni tal-bejgħ ta' prodotti li tista' tiġi preżunta l-esportazzjoni sussegwenti tagħhom mid-determinazzjoni tal-valur normali tal-prodott inkwistjoni esklużivament għall-prova tal-intenzjoni jew tal-għarfien effettiv tal-bejjiegħ, fil-punt

[33] Ara, b'analoġija, b'riferiment għall-kunċett ta' tranżazzjonijiet kummerċjali normali skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Il-Kunsill vs Alumina (C-393/13 P, EU:C:2014:2105, il-punt 43 imsemmi espliċitament mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 28 tas-sentenza relattiva tal-1 ta' Ottubru 2014, Il-Kunsill vs Alumina (C-393/13 P, EU:C:2014:2245).

[34] Ara, dejjem b'analoġija, *ibidem*.

[35] Ara, f'dan ir-rigward, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2000, Industrie des poudres sphériques vs Il-Kunsill (C-458/98 P, EU:C:2000:531, punt 91) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Van Gerven fil-kawża Nölle (C-16/90, mhux ippubblikata,, EU:C:1991:233, punt 11).

tal-bejgħ, fir-rigward tad-destinazzjoni finali tal-prodott inkwistjoni, tmur kontra l-għan proprju tal-investigazzjonijiet antidumping. F'dan ir-rigward, minn naħa, diġà kelli okkażjoni nindika li, b'mod kuntrarju għal oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni, bħal, pereżempju, fir-rigward tal-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, fl-investigazzjonijiet antidumping l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom poteri pjuttost limitati u huma għalhekk tributarji tal-kooperazzjoni volontarja tal-partijiet ikkonċernati sabiex jipprovdulhom l-informazzjoni neċessarja tal-investigazzjoni [36]. Min-naħa l-oħra, naqbel mal-Qorti Ġenerali li l-ħtieġa ta' tali prova mill-istituzzjonijiet, li f'dan il-kuntest proċedurali tista' tkun impossibbli li tiġi prodotta, twassal b'mod definittiv sabiex tippermetti t-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku, tal-prezzijiet ta' prodotti esportati li jistgħu joħolqu distorsjoni u jikkompromettu d-determinazzjoni korretta tal-imsemmi valur normali [37].

61. Fl-aħħar nett, b'mod inċidentali, nindika li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku li tgħid li, sabiex jiġi ddeterminat jekk prodott simili, li huwa s-suġġett ta' bejgħ, huwiex "maħsub għall-konsum domestiku" ir-rieda jew l-għarfien effettiv tal-produttur bejjiegħ fir-rigward tad-destinazzjoni għall-esportazzjoni jistgħu jkunu rilevanti, iżda ma humiex deċiżivi, meta tiġi ppruvata l-eżistenza ta' elementi ta' rabta oġġettiva bejn il-bejgħ u l-esportazzjoni sussegwenti li tista' tiġġustifika l-esklużjoni tad-destinazzjoni għall-konsum fis-suq intern tal-prodotti li huma s-suġġett tal-bejgħ, hija, essenzjalment, koerenti mal-interpretazzjoni adottata fil-prattika amministrattiva u ġurisdizzjonali fl-Istati Uniti tad-dispożizzjoni interna tad-dritt antidumping li tirrigwarda d-determinazzjoni tal-valur normali [38].

62. Huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha li jeħtieġ li tiġi analizzata s-sentenza appellata.

d) Fuq is-sentenza appellata

63. Fis-sentenza appellata, fil-kuntest tal-analiżi tat-tieni motiv sostnut minn Yieh United, il-Qorti Ġenerali, l-ewwel, fil-punti 127 sa 135, għamlet l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku u tat-termini "maħsub għall-konsum domestiku" inklużi fiha. Sussegwentement, fil-punti 136 sa 144 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kawża inkwistjoni u kkonkludiet li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball manifest ta' evalwazzjoni billi eskludiet, fir-regolament kontenzjuż, il-bejgħ magħmul minn Yieh United lill-klijent prinċipali tagħha fit-Tajwan.

[36] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Kolachi Raj Industrial (C-709/17 P, EU:C:2019:303, punt 46 fejn hemm riferimenti oħra).

[37] Ara l-punt 134 tas-sentenza appellata.

[38] Jiġifieri d-19 U.S. Code § 1677b e, b'mod partikolari, l-ittra (a) paragrafu (1) tiegħu. Fil-fatt mill-ġurisprudenza relatata ma' din id-dispożizzjoni jirriżulta li huwa applikat kriterju li skontu l-awtorità inkarigata bl-investigazzjoni antidumping għandha tipprova li l-produttur "knew or should have known that the merchandise was not for home consumption based upon the particular facts and circumstances surrounding the sales" (jiġifieri kien jaf jew *messu kien jaf* li l-prodotti ma kinux maħsuba għall-konsum intern fuq il-bażi tal-fatti u ċirkustanzi partikolari relatati mal-bejgħ; ara United States Court of International Trade tat-3 ta' Frar 1997, INA Walzlager Schaeffler KG vs L-Istati Uniti (957 F. Supp. 251 (Ct. Int'l Trade 1997) p. 264) u tat-3 ta' Lulju2001, Tung Mung Development Co. Ltd. u Yieh United Steel Corp. vs L-Istati Uniti (219 F. Supp. 2d 1333 (Ct. Int'l Trade 2002) p. 46)). Tali ġurisprudenza ġiet essenzjalment ikkonfermata fis-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2020, Coalition of American Flange Producers vs L-Istati Uniti (448 F. Supp. 3d 1340 (Ct. Int'l Trade 2020) p. 1354 *et seq.*]. B'hekk minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li prova tal-għarfien effettiv tal-produttur esportatur tad-destinazzjoni għall-esportazzjoni tal-prodotti li huma suġġetti għall-bejgħ ma hijiex neċessarja fejn dan l-għarfien jista' jiġi preżunt fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi (*constructive knowledge*) li wasslu għall-konklużjoni li l-produttur "messu kien jaf" li l-prodotti kienu sejrin jiġu esportati.

64. F'dan ir-rigward nosserva, fl-ewwel lok, li fit-tielet aggravju tagħha, Yieh United tikkontesta esklużivament il-punti 129 sa 135 tas-sentenza appellata li fihom, kif indikat fil-punt preċedenti, il-Qorti Ġenerali interpretat it-termini "maħsub għall-konsum domestiku" skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Madankollu fuq qari ta' dawn il-punti jirriżulta li, essenzjalment, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li tivverifika u tiċħad l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni proposta minn Yieh United li skontha, sabiex ikun jista' jiġi eskluż bejgħ determinat mill-kalkolu tal-valur normali l-Kummissjoni għandha tipproduċi l-prova r-rieda jew l-għarfien speċifiku tal-bejjiegħ fir-rigward tad-destinazzjoni għall-esportazzjoni tal-prodott li huwa suġġett tal-bejgħ. Fl-argumentazzjoni tagħha fil-kuntest tat-tielet aggravju Yieh United tillimita ruħha li ssostni li, billi ma laqgħatx din l-interpretazzjoni, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

65. Madankollu, mill-analiżi mwettqa fil-punti 47 sa 60 preċedenti jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, l-interpretazzjoni proposta minn Yieh United tad-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi miċħuda u li, minkejja li l-intenzjoni u l-għarfien effettiv tal-produttur bejjiegħ rigward id-destinazzjoni finali tal-prodotti ma humiex elementi irrilevanti, il-prova tagħhom ma hijiex element neċessarjament deċiżiv sabiex jiġi ddeterminat jekk il-prodott li huwa s-suġġett tal-bejgħ fil-pajjiż tal-esportatur huwiex "maħsub għall-konsum domestiku" skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku.

66. Isegwi li, billi ċaħdet fil-punti 129 sa 135 tas-sentenza appellata din l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni proposta minn Yieh United, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi. Fil-fehma tiegħi, din il-kunsiderazzjoni hija biżżejjed sabiex jiġi miċħud it-tielet aggravju, minħabba li, kif indikat, f'dan l-aggravju Yieh United tillimita ruħha li tikkontesta din il-parti tas-sentenza billi tipproponi mill-ġdid din l-interpretazzjoni tar-regola inkwistjoni.

67. Sussidjarjament, nosserva, fit-tieni lok, li, bħalma jirriżulta mill-analiżi magħmula fil-punti 47 sa 60 preċedenti, l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punti 129 sa 135 tas-sentenza appellata tat-termini "maħsub għall-konsum domestiku" fis-sens tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku għandha tiġi integrata u ċċarata fis-sens li r-rieda jew l-għarfien effettiv tal-produttur bejjiegħ fir-rigward tad-destinazzjoni għall-esportazzjoni jistgħu jkunu rilevanti, iżda ma humiex deċiżivi, fejn tiġi prodotta l-prova tal-eżistenza ta' elementi ta' rabta oġġettiva bejn il-bejgħ inkwistjoni u d-destinazzjoni differenti tal-konsum fis-suq intern tal-prodotti mibjugħa li tista' teskludi t-teħid inkunsiderazzjoni ta' tali bejgħ mill-kalkolu tal-valur normali.

68. Fit-tielet lok u dejjem sussidjarjament, nindika li mill-punti 138 sa 143 tas-sentenza appellata – punti mhux ikkontestati minn Yieh United – jirriżulta li f'din il-kawża l-Kummissjoni eskludiet mill-kalkolu tal-valur normali l-bejgħ kontenzjuż ta' Yieh United lill-klijent prinċipali tagħha fit-Tajwan fuq il-bażi taċ-ċirkustanza, ippruvata, li, minn naħa, għal parti rilevanti tal-bejgħ inkwistjoni [39] kien ġie applikat tnaqqis għall-esportazzjoni u, min-naħa l-oħra, li tali klijent kien attiv prinċipalment fl-esportazzjoni tal-prodotti li huma s-suġġett tal-bejgħ [40].

69. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni magħmula fil-punti 47 sa 60 preċedenti, il-Qorti Ġenerali, fil-fehma tiegħi, ikkonkludiet ġustament li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball manifest ta' valutazzjoni billi eskludiet il-bejgħ lil dan il-klijent mill-kalkolu tal-valur normali.

[39] Mill-punt 141 tas-sentenza appellata jirriżulta li, pereżempju, dan il-bejgħ kien jikkorrispondi għal 40 % tal-bejgħ lil tali klijent f'Diċembru 2013.

[40] Fil-fatt, mill-punt 142 tas-sentenza appellata jirriżulta li ġiet prodotta l-prova li dan il-klijent kien biegħ biss kwantità negliġibbli tal-prodott inkwistjoni fis-suq intern.

VI. Konklużjoni

70. Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad, bħala infondat, it-tielet aggravju propost minn Yieh United.